MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2008

Numru 802/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Alexander Grech**
**vs**
**Giorgina Young**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Giorgina Young ta' 73 sena bint Giuseppe Billon u Maria Stella nee' Spiteri mwielda Hamrun fl-20 ta' April 1933 u residenti Flat 2 Bini tla-Gvern, Block 3, Triq is-Salvatur Kalkara, ID 27033M.**

**Akkuzata talli fid-9 ta' Gunju 2006 ghall-habta ta' 6.30pm gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat, liema reat taf illi ma sarx, inkella bil-qerq, holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex**

**jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur ta’ l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li taghmel hsara lil Joseph Attard, akkuzat lil Joseph Attard quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, fil-waqt li kienet taf li Joseph Attard kien innocenti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 101 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process, inkuz il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji, kif wkoll il-kunsens ta’ l-imputata biex dawn il-proceduri jkunu sommarji wkoll.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.**

**Ikkonsidrat.**

**Illi mill-provi jirrizulta b’mod l-iktar car illi l-imputata kienet ghamlet ir-rapport sempliciment biex hi tipprotegi lilha nnifisha fuq dak li kienet tgharrfitilha t-tifla taghha stess. Dak iz-zmien it-tifla taghha kienet ghaddejja minn zminijiet difficli minhabba problemi matrimonjali mas-Sur Attard. Imma ma jidhirx li l-imputata kellha f’mohhha li taghmel xi hsara lil dan Joseph Attard.**

**Ghaldaqstant, f’dan ir-reat jonqos l-element formali jigifieri il-mens rea u ghal hekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 110(2) u 101(1)(c) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------